# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 2**

**Rikors numru 234/13 AL**

**Redianne Bonello**

**v.**

**Clive Pulis**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-2 ta' Mejju 2019 iddeċidiet:-

> *"Għalhekk, għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mit-talbiet u l-kontro-talbiet rispettivi tal-partijiet u mill-eċċezzjonijiet tagħhom kif ġej:*

*"1. Tiċħad l-ewwel talba attriċi u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u b'hekk tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ED tibqa' konġunta bejn il-partijiet;*

*"2. Dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' talbiet attriċi u t-tieni talba rikonvenzjonali tordna illi:*

*"a. Il-konvenut ikollu aċċess versu ibnu E kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Erbgħa mill-ħamsa ta' filgħaxija (5pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8pm); B'dan illi bejn l-ewwel (1) ta' Lujlu u l-għoxrin (20) ta' Settembru l-aċċess ikun mis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2pm) sad- disgħa ta' filgħaxija (9pm);*

*"b. Il-konvenut ikollu aċċess versu ibnu fi tmien il-ġimgħa b'mod alternattiv mill-Ġimgħa fil-ħamsa ta' filgħaxija (5pm) sas-Sibt fis-sitta ta' filgħaxija (6pm), jew mis-Sibt fil-ħamsa ta' filgħaxija (5pm) sal-Ħadd fis-sitta ta' filgħaxija (6pm);*

*"c. Il-konvenut ikollu aċċess versu ibnu fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena b'mod alternattiv minn sena għall-oħra: L-ewwel sena min-nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru mill-ħamsa ta' filgħaxija (5pm) sal-għada fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) u nhar l-ewwel (1) ta' Jannar mill-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) sas-sebgħa ta' filghaxija (7pm); u s-sena ta' wara nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru mill-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) sas-sebgħa ta' filghaxija (7pm) u nhar lejliet l-ewwel tas-sena u cioe il-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru;*

*"d. F'għeluq snin il-missier ossia il-konvenut, jekk tinzerta ġurnata li fiha l-missier ma jkollu ebda aċċess regolari, il-missier ikollu aċċess mill-ħamsa ta' filgħaxija (5pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8pm);*

*"e. F'għeluq snin l-omm ossia l-attriċi, il-missier ma jkollu ebda aċċess;*

*"f. L-aċċess ma jinbidilx għal Jum il-Missier u għal Jum l-Omm;*

*"g. Il-missier ikollu aċċess għal ibnu bejn is-sebgħa (7) ta' Settembru fl-għaxra ta' filgħodu (10am) sad-disgħa (9) ta' Settembru fit-tmienja ta' filgħaxija (8pm);*

*"h. Fil-vaganzi tas-Sajf, il-missier ikollu d-dritt għal gimgħa sħiħa ta' aċċess b'din il-ġimgha tiġi indikata lill-attriċi minn xahar qabel. Fil-vaganzi tal-Milied u tal-Għid, il-missier ikollu d-dritt għal tlett'ijiem konsekuttivi sħaħ ta' aċċess, liema ġranet għandhom ikunu indikati lill-attriċi minn xahar qabel.*

*"i. Il-minuri għandu jinġabar għall-aċċess mill-konvenut mir-residenza regolari tal-omm u jitwassal lura fir-residenza regolari tal-omm mill-istess konvenut;*

*“j. Il-partijiet għandhom jinformaw immedjatament lil xulxin f’każ li l-minuri jkun ma jiflaħx jew jiddaħħal l-isptar u għandhom jieħdu ħsieb li jimlew id-dokument tal-assikurazzjoni tas-saħħa li l-konvenut ħareġ għal ibnu kif ukoll jipprezentaw l-irċevuti fiskali tal-mediċinali u l- kontijiet relattivi;*

*“k. Kwalsiasi aċċess li l-missier ma jieħux, ma jiġix ikkompensat b’ħinijiet alternattivi;*

*“l. Il-ġenituri għandhom id-dritt li jkunu t-tnejn preżenti fi ġranet importanti f’ħajjet il-minuri bħalma huma Parents Day, Sports Day, Prize Day, performances fil-Milied jew fl-Għid il-Kbir, u Jum il-Griżma;”*

*“3. Dwar il-ħames u s-sitt talbiet attriċi u t-tielet talba rikonvenzjonali, tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta’ mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba’ ġimgħat, rappreżentanti manteniment għall-minuri E, kif ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l- edukazzjoni tagħha; Dan l-ammont jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja; Dan il-manteniment jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta’ tmintax-(18)-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi full- time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F’każ illi iben il- partijiet jibqa’ jistudja, fuq bażi full-time, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas mill-konvenut lill- attriċi sakemm it-tifel jagħlaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jinqata’ direttament mis-salarju tal- konvenut u jitħallas direttament lill-attriċi.*

*“4. Tilqa’ s-seba’ talba tal-attriċi u tiċħad ir-raba’ talba tal-konvenut rikonvenjonant b’dana illi kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children’s allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.*

*“5. Tilqa’ t-tmien talba attriċi b’dan illi l-passaport tal-minuri għandu jinżamm mill-attriċi, iżda tillwalifika li dan għandu jinħareġ u/jew jiġġedded bl-approvazzjoni taż-żewġ ġenituri;*

*“6. Id-disa’ talba attriċi hija diġa milqugħa b’effett tad-digriet tal-31 ta’ Jannar 2019 u b’hekk is-sitt talba rikonvenzjonali qiegħda tiġi miċħuda;*

*“7. Tilqa’ l-ħames talba rikonvenzjonali u konsegwentement tordna li kull parti tista’ ssiefer bil-minuri b’dana illi l-parti li se ssiefer mal- minuri għandha tinforma lill-parti l-oħra minn xahar qabel id-data tat- tluq bid-dettalji tas-safra u l-akkomodazzjoni u numru biex tikkomunika mal-minuri ta’ kuljum waqt tali safra. Kull parti tħallas l- ispejjeż tas-safra tal-minuri u l-ispejjeż ancillari mal-istess;*

*"8. Tilqa' s-seba' talba rikonvenzjonali b'dana illi tordna lill-attriċi biex taghti lill-konvenut kull dokument li jirrigwarda l-minuri E inkluż dawk mediċinali u edukattivi;*

*"9. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba tal- konvenut rikonvenzjonant in vista li f'dan l-istadju hija superfluwa;*

*"Bl-ispejjeż ikunu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet".*

2. Fil-21 ta' Mejju 2019 l-attriċi appellat mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

i. L-attriċi kellha tingħata l-kura u kustodja tal-minuri u mhux tkun fdata liż-żewġ ġenituri;

ii. Il-ħinijiet tal-aċċess m'humiex fl-aħjar interess tat-tifel;

iii. Il-manteniment ta' €250 kull ġimgħa għandu jkun ta' €300 fil-ġimgħa;

iv. L-ispejjeż ġudizzjarji għandu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut.

3. Fil-25 ta' Ġunju 2019 il-konvenut ippreżenta tweġiba u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>Fatti.</u>**

4. Il-partijiet kellhom relazzjoni u fl-1 ta' Jannar 2010 twieled tifel li llum għandu 10 snin. Il-minuri jgħix ma' ommu. Il-partijiet iżżewġu lil ħaddieħor, u l-konvenut hu legalment separat (fol. 297).

5. B'digriet mogħti fil-15 ta' Ottubru 2013 il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment ta' €200 kull xahar għall-minuri flimkien ma' nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni. B'digriet ieħor mogħti dakinhar stess il-Qorti ordnat li l-aċċess ikun kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-5 sas-7 ta' filgħaxija u alternattivament fil-weekend kull nhar ta' Ġimgħa mis-6 ta' filgħaxija sas-Sibt u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fl-4 ta' wara nofsinhar sal-Ħadd fis-6 ta' filgħaxija.

6. Fil-11 ta' Novembru 2013 l-attriċi ppreżentat kawża fejn talbet lill-Qorti sabiex tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja tal-minuri, il-manteniment u l-aċċess.

**Konsiderazzjoni**.

**<u>Kura u kustodja tal-minuri.</u>**

7. Il-minuri twieled fl-1 ta' Jannar 2010. Għalhekk illum għandu għaxar (10) snin.

8. Fis-sentenza l-Qorti qalet:-

> *"Il-Qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok, dak illi seħħ bejn il-partijiet relattiv mar-relazzjoni tagħhom, bl-ebda mod m'għandu jimpinġi u jaffettwa l-jeddijiet tal-ġenituri. Fit-tieni lok, huwa minnu li l-attriċi ħadet it-trobbija tat-tifel b'impenn sħiħ u b'responsabilita` kbira, fatt illi huwa kkonfermat mill-missier, il-konvenut. Iżda mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax li jeżistu l-estremi li jkunu jiġġustifikaw li l-missier jiġi mċaħħad mill-kura u l-kustodja ta' ibnu. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-kura u l-kustodja tal-minuri E għandha tibqa' waħda konġunta, b'dan illi l-minuri jibqa' jirrisjedi regolarment mal-attriċl".*

9. Il-Qorti fehmet li mit-twelid il-minuri kien qiegħed jgħix mal-attriċi, filwaqt li l-konvenut għandu aċċess għall-ibnu. Il-Qorti tifhem li l-kura tat-tifel għandha tkun f'idejn l-attriċi ġialadarba t-tifel jgħix magħha u tieħu ħsieb il-bżonnijiet tiegħu. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 l-imħallfin tkellmu mal-minuri u waqt dik il-laqgħa kellhom l-opportunita` li jikkonfermaw kemm it-tifel hu indukrat u imrobbi sew. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-attriċi qiegħda tħares l-aħjar interess tat-tifel. Għaldaqstant ġialadarba t-tifel qiegħed jgħix mal-omm u hu evidenti li dan id-dmir qiegħda twettqu kif suppost, il-kura għandha tkun esklussivament f'idejha.

10. Għal dak li jirrigwarda l-kustodja, wara li rat l-atti ma ssib xejn x'tikkritika fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li l-kustodja tkun f'idejn il-partijiet. Għalkemm l-attriċi ssostni li l-provi juru li *"3.6 ..... hi l-ġenitur idoneju li dejjem ħarset l-aħjar interessi tal-minuri"*, b'dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti m'għandux jinftiehem bħala xi kritika għal mod kif l-attriċi qegħda trabbi lit-tifel. Il-Qorti rat b'għajnejha li t-tifel miżmum tajjeb ħafna u l-konvenut

stess irrikonoxxa li l-attriċi tieħu ħsieb lit-tifel. Madankollu, il-konvenut għandu jkun involut fit-trobbija ta' ibnu u mhux sempliċement li jkollu aċċess għalih. Dan ikun għal ġid tat-tifel hu u jikber. It-tifel hu l-wild tal-partijiet u ta' ħadd iktar, u l-missier ukoll għandu jagħti l-kontribut tiegħu fit-trobbija ta' ibnu. Ma tressqux provi li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li b'kustodja konġunta ser tkun qiegħda ssir ħsara lit-tifel.

**Manteniment għall-minuri.**

11. Aggravju ieħor hu dwar il-manteniment.

12. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:-

> *"Dwar il-manteniment, l-attriċi tgħid illi l-ammont dekretat ta' mitejn Ewro kull erba' ġimgħat m'huwiex biżżejjed. Hija tissottometti li l-manteniment għandu jkun mill-inqas ta' €300 kull erba' ġimgħat flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Min-naħa tiegħu, il-konvenut huwa tal-fehma li l-manteniment li jgħaddi, li effettivament huwa ta' €200 kull erba' ġimgħat, huwa ġust u jirrispekkja l-introjtu tiegħu.*
>
> *"Il-Qorti kkunsidrat illi hemm lok ta' awment fir-rata tal-manteniment tal-minuri in vista li d-digriet viġenti ingħata qrib is-sitt snin ilu u minn dakinhar, il-ħajja għoliet u l-bżonnijiet tat-tifel kibru. Illi għalhekk, tenut kont ukoll l-introjtu tal-konvenut, ser tawmenta ir-rata tal-manteniment għal mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba' ġimgħat, filwaqt illi żżomm ferm d-digriet tagħha in kwantu jirrigwarda l-ispejjeż tas- saħħa u tal-edukazzjoni, fejn il-konvenut għandu jħallas nofs dawn l- ispejjeż meta muri l-irċevuti relattivi".*

13. Għalhekk l-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €250 kull erba' ġimgħat u nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u tas-

saħħa. Dan ifisser dħul ta' €3,250 fis-sena u magħhom iridu jiżdiedu nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u tas-saħħa.

14. L-attriċi tilmenta li s-somma ta' €250 kull erba' ġimgħat u nofs l-ispejjeż edukattivi u ta' mediċina, m'humiex biżżejjed. Issostni li hi rata baxxa u f'dan ir-rigward għamlet referenza għall-prospett a fol. 27 u l-qligħ li għandu l-konvenut.

15. B'digriet li ngħata fil-15 ta' Ottubru 2013 il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment fl-ammont ta' €200 fix-xahar u nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

16. Fl-atti ma jirriżultax li hemm tagħrif dwar il-qligħ tal-attriċi, li għandha wkoll l-obbligu li tmantni lil binha. Fir-rikors tal-appell l-attriċi iddikjarat li taħdem (ara paragrafu 4.14), iżda m'hemmx dettalji dwar il-qligħ.

17. Il-konvenut xehed li jirċievi f'idejh is-somma ta' €1,200 kull erba' ġimgħat fl-impieg li għandu, filwaqt li €80 kull xahar mill-Kunsill Lokali. B'hekk it-total kull sena hu €16,560. B'hekk tista' tgħid li ftit iktar minn 20% tal-qligħ tal-konvenut ser ikun qiegħed imur għat-trobbija u bżonnijiet ta' ibnu.

18. L-attriċi tippretendi li l-manteniment kellu jkun ta' €300 kull erba' ġimgħat, jiġifieri €50 fil-ġimgħa iktar li jfissru €650 iktar fis-sena.

19. Il-Qorti tiskanta kif l-attriċi qiegħda tikkontesta dik il-parti tas-sentenza li tittratta dwar il-manteniment meta fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2018 xehdet, *"... il-manteniment qiegħed maqtugħ diġa; u jien ridt stabbli fuq il-ħinijiet"* (fol. 275). Dan għad-domanda tad-difensur tal-konvenut, *"..... Tista' tgħidilna ftit minn din il-kawża inti xi trid ? Għalfejn għamiltha din il-kawża ?"*.

20. Il-Qorti m'hijiex konvinta li hemm bażi raġjonevoli sabiex tvarja d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, ukoll wara li kkonsidrat il-prospett li l-attriċi ppreżentat (a fol. 27) u l-fatt li l-konvenut ser ikun qiegħed iħallas nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa.

**Aċċess.**

21. L-attriċi trid li l-aċċess ikun dak ordnat fid-digriet tal-20 ta' Lulju 2013 (fol. 15) li bih il-Qorti ordnat li jkun, *"... kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa bejn il-5:00pm u s-7:00pm u alternattivament fil-weekend kull nhar ta' Ġimgħa mis-6:00pm sas-Sibt u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fl-4:00pm sal-Ħadd fis-6:00pm"*. Hu evidenti li għall-attriċi kien l-iktar punt

kruċjali, tant li fl-24 ta' Ġunju 2020 ippreżentat rikors sabiex it-tifel isemma l-vuċi tiegħu quddiem avukat tat-tfal jew il-Qorti.

22. Fis-sentenza l-Qorti qalet:-

> *"L-ikbar disgwid bejn il-partijiet huma l-ħinijiet tal-aċċess u minn fejn għandu jinġabar u jitħalla il-minuri. Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata. Dwar l-aċċess il-Qorti ser tagħti l-provvedimenti tagħha fid-deċide"*.

23. L-ewwel ilment tal-attriċi hu li skont is-sentenza tal-ewwel Qorti l-aċċess għandu jkun kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-5:00 pm sat-8:00 pm, filwaqt li bejn l-1 ta' Lulju u l-20 ta' Settembru l-aċċess ikun mis-2:00 pm sad-9:00 pm.

24. Għalkemm l-attriċi qalet li waqt il-kawża l-konvenut għamel rikorsi sabiex jiżdied l-aċċess u kienu miċħuda, dan ma jfissirx li fis-sentenza finali ma kellux jiżdied il-ħin tal-aċċess. Il-Qorti mhux qed tara x'differenza ser tagħmel siegħa żejda. Dan apparti li matul ix-xhur tas-sajf hu ta' benefiċċju li t-tifel iqatta' iktar ħin ma' missieru, u b'hekk tissaħħaħ ir-relazzjoni bejniethom u l-familjari tal-konvenut. Dan iktar u iktar meta wieħed jikkonsidra li t-tifel illum għandu 10 snin u jista' japprezza iktar. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-fehma wara li l-imħallfin tkellmu mat-tifel.

25. Argumenti li t-tifel imdorri bis-sistema tad-digriet oriġinali, m'humiex konvinċenti. Meta ngħata d-digriet it-tifel kien għad għandu tliet snin biss. Dak li hu tajjeb għal tifel ta' tliet snin ma jfissirx li hu tajjeb għal tifel ta' għaxar snin. Għalkemm jidher li fil-perjodu ta' emerġenza tas-saħħa pubblika l-aċċess ġie interrott, issa m'hemmx diffikulta` li s-sitwazzjoni tirritorna għan-normal.

26. M'hemm l-ebda raġuni li tista' twassal lill-Qorti sabiex taqbel li t-tifel mhux ser jaddatta jekk iqatta' iktar ħin ma' missieru. Ftit iktar sigħat m'għandhomx jagħmlu xi differenza għal dak li l-minuri hu diġa` imdorri għalih. Wieħed irid jiftakar li l-każ jitratta dwar tifel li għandu 10 snin.

27. Il-fatt li kien hemm darba meta l-konvenut ħa lit-tifel ir-regatta u nqalgħet ġlieda, ma tiġġustifikax l-ilment tal-attriċi. Ir-regatta hi parti mill-kultura Maltija. Ovvjament il-konvenut m'għandu l-ebda kontroll jekk kien hemm xi nies li qalgħu l-inkwiet.

28. L-attriċi tallega wkoll li l-konvenut telaq lil martu. Fil-fehma tal-Qorti dak il-fatt hu irrilevanti fir-rigward tal-aċċess. Jekk il-konvenut infired minn ma' martu, ma jfissirx li t-tifel ma jkollux stabbilta` waqt il-ħin tal-aċċess. Inoltre ma sarux argumenti li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li ser isseħħ konfużjoni fir-rutina tat-tifel.

29. L-attriċi semmiet ukoll li taħdem u mhux ser tkun tista' tgawdi lil binha. F'dan ir-rigward kull min jiflaħ jaħdem irid jaħdem sabiex jaqla' l-għixien tiegħu. Dan apparti li m'hemmx dettalji li jistgħu jikkonvinċu lill-Qorti li bl-ordni tal-Qorti l-attriċi mhux ser tkun qiegħda tgawdi lil binha. Kif l-attriċi għandha jedd tgawdi lil binha, l-istess raġunament japplika għall-konvenut. F'dak li ordnat l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssibx li hemm xi sproporzjon bejn l-interessi tal-ġenituri tat-tifel.

30. Ilmentat ukoll li l-ewwel Qorti ordnat li matul il-vaganzi tas-sajf il-konvenut ikollu *".... d-dritt għal ġimgħa sħiħa ta' aċċess b'din il-ġimgħa indikata lill-attriċi minn xahar qabel"*. L-attriċi ssostni li l-konvenut m'għandux ħin għat-tifel u lanqas interess fih. Il-Qorti mhijiex konvinta mill-ilment tal-attriċi. Jekk kif tgħid hi m'għandux interess f'ibnu ma kienx jitlob li jqatta' iktar ħin ma' ibnu. It-tfal m'humiex tal-omm jew tal-missier, imma tat-tnejn. Wara l-laqgħa mat-tifel, il-Qorti mhijiex konvinta li t-tifel ser ikun espost għal xi periklu jekk iqatta' ġimgħa waħda mal-konvenut matul ix-xhur tas-sajf. Hemm bżonn li l-atteġġjament tal-attriċi jinbidel f'dan ir-rigward fis-sens li tħeġġeġ lit-tifel li jqatta' ħin ma' missieru u bl-atteġġjament tagħha turih li hu ġid għalih. Ma jkunx qiegħed isir ġid fejn ġenituri jkunu qegħdin jitrasmettu lit-tfal, ukoll jekk mhux bil-kliem iżda bl-atteġġjament tagħhom, messaġġi negattivi fir-rigward tal-ġenitur l-ieħor. Dan ma jgħinx fir-relazzjoni bejn il-minuri u l-ġenitur li jkollu biss aċċess. L-attriċi trid tifhem u taċċetta li l-fatt li hi żżewġet lil ħaddieħor u għandha

l-familja tagħha, il-missier naturali hemm ser jibqa' u għandu jkun involut fil-ħajja ta' ibnu. Dan fl-interess ukoll tat-tifel.

31. Il-minuri altru milli ser ikollu ċans li jgawdi lil ħuħ li l-attriċi kellha miż-żwieġ. Għalkemm l-attriċi qalet li l-konvenut involut f'ħafna attivitajiet u m'għandux ħin għall-ibnu u ser jaqbad u jħalli lit-tifel għand in-nanna paterna, wieħed għad irid jara x'ser jiġri. Ovvjament jekk il-konvenut ingħata aċċess, irid jeżerċitah b'mod konkret fis-sens li jqatta' ħin mat-tifel u jgawdih. Min-naħa l-oħra li l-minuri jqatta' ħin għand in-nanna paterna hu ta' benefiċċju wkoll. Il-preżenza tan-nanniet fil-ħajja tat-tfal hi essenzjali. Familjari mimlijin esperjenza li mingħandhom it-tfal tant jistgħu jitgħallmu fl-iżvilupp tagħhom. Dan apparti l-imħabba li jirċievu mingħandhom. Għalhekk il-ġenituri m'għandhomx jagħmlu ostakoli sabiex uliedhom igawdu lin-nanniet u anzi għandhom iħeġġu sabiex ikunu iktar qrib tagħhom.

32. Ilment ieħor tal-attriċi hu li l-partijiet mhux ser ikollhom aċċess għat-tifel f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier. L-attriċi trid li t-tifel iqatta' l-ġurnata mal-ġenitur rispettiv, b'dan li fil-każ tal-missier ikollu aċċess mill-10:00 am sas-6:00 pm. Il-konvenut ma jaqbilx u jrid ħinijiet differenti. Il-Qorti mhijiex impressjonata. Il-ġenituri, tnejn min-nies adulti u suppost maturi, għandhom faċilment jiftehmu sabiex f'Jum l-Omm it-tifel ikun mal-attriċi filwaqt li f'Jum il-Missier it-tifel ikun mal-konvenut.

33. Fiċ-ċirkostanzi ser tvarja dik il-parti tas-sentenza fis-sens li f'Jum l-Omm it-tifel ikun mal-omm, filwaqt li f'Jum il-Missier it-tifel ikun mal-missier mill-10:00 ta' filgħodu sas-7:00 ta' filgħaxija jekk tinzerta l-ġurnata tkun il-Ħadd meta ma jmissux l-aċċess skont paragrafu 2(b) tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-ewwel Qorti. F'dik is-sena meta jinzerta li Jum l-Omm taħbat f'ġurnata l-Ħadd meta l-missier suppost ikollu l-aċċess għat-tifel, l-aċċess lill-missier ikun minflok mill-Ġimgħa fil-5:00 ta' filgħaxija sas-Sibt fis-6:00 ta' filgħaxija.

34. Għal dak li jirrigwarda l-festa tal-Bambina tal-Isla fil-ġranet bejn is-7 u d-9 ta' Settembru, l-attriċi ilmentat li l-ewwel Qorti tat lill-konvenut aċċess mis-7 ta' Settembru fl-10:00 ta' filgħodu sad-9 ta' Settembru fit-8:00 ta' bil-lejl. L-attriċi qiegħda ssostni li t-tifel ser ikun espost għall-ambjent ta' festa, xorb u nuqqas ta' attenzjoni.

35. Il-festa Maltija hi parti mit-tradizzjoni u kultura tal-pajjiż. Hu tajjeb li t-tifel ikun espost għal dak li ġġib magħha festa ta' raħal iktar u iktar meta wieħed iqis li missieru hu Sindku. L-insinwazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut, li fil-jiem tal-festa jkun xurban u jesponi lill-ibnu għax-xorb, ma ġewx konfermati minn provi oġġettivi u qegħdin jiġu skartati. Li l-attriċi tgħid li trid tgawdi lit-tifel ukoll fil-jumejn tal-festa ma jreġix, meta l-parti kbira tas-sena t-tifel qiegħed jgħix magħha. Hemm bżonn li l-attriċi

taċċetta li l-konvenut hu u ser jibqa' l-missier naturali tat-tifel u li ser jibqa' f'ħajtu.

**Spejjeż ġudizzjarji.**

36. L-attriċi ssostni li l-ispejjeż tal-kawża għandu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut għaliex kien minħabba l-pika tiegħu li spiċċaw f'kawża li damet seba' snin.

37. Dwar il-kap tal-ispejjeż l-ewwel Qorti ddeċidiet li kull parti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż b'mod ugwali.

38. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-attriċi. Hu evidenti li l-attriċi ma ngħatatx raġun f'kollox, tant hu hekk li appellat dwar il-kura u kustodja, manteniment u wkoll l-aċċess. Għalhekk kien xieraq li l-Qorti ma tikkundannax lill-konvenut jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli biss ma dak li ntqal hawn fuq:

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel u r-raba' aggravju u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-2 ta' Mejju 2019 fis-sens li:-

i. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba tal-attriċi u tiċħad parzjalment l-ewwel talba tar-rikonvenzjoni tal-konvenut, u tafda lill-attriċi l-kura ta' iben il-partijiet.

ii. B'referenza għar-raba' talba tal-attriċi, tordna li f'Jum l-Omm it-tifel iqatta' l-ġurnata mal-attriċi, filwaqt li f'Jum il-Missier il-kovenut jkollu aċċess għall-minuri mill-10:00 ta' filgħodu sas-7:00 ta' filgħaxija. Meta Jum l-Omm tinzerta f'ġurnata meta l-konvenut suppost ikollu l-aċċess għat-tifel skont paragrafu 2(b) tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-ewwel Qorti, l-aċċess minflok mis-Sibt għall-Ħadd ikun mill-Ġimgħa fil-5:00 ta' filgħaxija sas-Sibt fis-6:00 ta' filgħaxija.

2. Għall-kumplament tiċħad l-aggravji u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

3. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal wieħed minn ħamsa ($^1/_5$) a karigu tal-konvenut u erbgħa minn ħamsa ($^4/_5$) a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm